INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Avviż tal-Gvern Litwan dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi

(2012/C 278/02)

L-Istħarriġ Ġeoloġiku Litwan tal-Ministeru tal-Ambjent (Organizzatur ta' sejħiet għall-offerti) skont il-paragrafi 8.1, 8.5 u 11 tar-Regolamenti li jirregolaw il-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti għall-isfruttar ta' riżorsi tal-idrokarbonju, kif approvat mir-Riżoluzzjoni Nru 299 tal-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja tal-10 ta' Marzu 2003 (Gazzetta Uffiċjali 2003, Nru 26-1036; 2012, Nru 15-647), u l-Ordni Nru D1-467 tal-Ministru għall-Ambjent tar-Repubblika tal-Litwanja tal-1 ta' Settembru 2004 dwar l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-organizzatur ta' sejħa għall-offerti għall-isfruttar ta' riżorsi tal-idrokarbonju (Gazzetta Uffiċjali 2004, Nru 138-5047),

b'dan qed jippubblika stedina għal sejħa għall-offerti għall-isfruttar (il-prospettar, l-esplorazzjoni u l-estrazzjoni) ta' riżorsi tal-idrokarbonju (minn hawn 'il quddiem "l-istedina għal sejħa għall-offerti") fl-għelieqi ta' Šilutė-Tauragė u Kudirka-Kybartai.

1. **Deskrizzjonijiet fil-qosor taż-żoni proposti għall-offerta**

1.1. *Iż-żona ta' Šilutė-Tauragė*

Iż-żona ta' Šilutė-Tauragė tinsab fit-territorju tad-distretti tal-muniċipalitajiet ta' Šilutė, Tauragė, Jurbarkas u Pagėgiai. Tkopri erja ta' 1 800 km^2, li minnha 132 km^2 huma urbanizzati u 623 km^2 huma protetti.

Il-koordinati tal-lokalitajiet taż-żona fis-sistema tal-koordinati LKS-94 huma:

Vertiċi Nru	Koordinati (1994 Sistema ta' koordinati Litwana LKS-94)	
	X	Y
1	6145300	335025
2	6144954	349638
3	6144814	353327
4	6126284	352714
5	6125425	381319
6	6124470	420523
7	6107857	420225
8	6103569	420147
9	6135288	334077

Il-konfini tan-Nofsinahr taż-żona ta' Šilutė-Tauragė hija l-ġnub tax-xmara Nemunas.

1.2. *Iż-żona ta' Kudirka–Kybartai*

Iż-żona ta' Kudirka-Kybartai tinsab fil-punt fejn jiltaqgħu l-muniċipalitajiet tad-distrett ta' Vilkaviškis u Šakiai. Tkopri erja ta' 281 km^2, li minnha 19,3 km^2 huma urbanizzati u 8,5 km^2 huma protetti.

Il-koordinati tal-vertiċi taż-żona s-sistema tal-koordinati LKS-94 huma:

Vertiċi Nru	Koordinati (1994 Sistema ta' koordinati Litwana LKS-94)	
	X	Y
1	6076635	427455

Vertiċi Nru	Koordinati (1994 Sistema ta' koordinati Litwana LKS-94)	
	X	Y
2	6076475	431055
3	6048355	429865
4	6048945	416000

Il-konfini tal-Punent taż-żona jikkoinċidu mal-medda tul il-fruntiera tal-Istat Litwan.

2. **Skeda ta' żmien (data) għat-tkomplija tal-proċedura għall-pubblikazzjoni ta' liċenzja għall-esplojtazzjoni ta' riżorsi tal-idrokarbonju**

It-tmiem skedat tal-proċedura għall-pubblikazzjoni ta' liċenzja għall-isfruttar ta' riżorsi tal-ikrokarbonju fiż-żoni ta' Šilutė-Tauragė u Kudirka-Kybartai huwa sa Ġunju 2013.

3. **Data u ħin sa meta għandhom jintbagħtu l-offerti**

L-offerti (bil-Litwan) li huma konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti għandhom jintbagħtu bil-posta jew bil-posta "express" jew jitwasslu direttament lill-uffiċċju ċentrali tal-organizzatur tas-sejħa għall-offeri f'S. Konarskio g. 35, LT-03123, Vilnius, Litwanja, mhux aktar tard mis-17.00 fil-120 jum kalendarju mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

4. **Kriterji tal-valutazzjoni tal-offerti.**

L-offerti ser jiġu vvalutati f'termini ta':

4.1. il-konformità tal-offerent mar-rekwiżiti minimi rigward il-pożizzjoni ekonomika u finanzjarja u l-esperjenza stipulata fl-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti;

4.2. il-konformità tal-offerta mibgħuta mill-offerent mar-rekwiżiti tal-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti u r-Regolamenti li jirregolaw il-proċeduri għall-esplojtazzjoni tar-riżorsi tal-idrokarbonju;

4.3. il-primjum propost mill-offerent, li ma jistax ikun iktar baxx mill-primjum minimu speċifikat fl-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti.

5. **L-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti huma ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-organizzatur tas-sejħa għall-offerti fuq:** http://www.lgt.lt

6. **Data tal-għeluq biex jintbagħtu talbiet għal kjarifikazzjonijiet tal-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti**

L-iskadenza għas-sottomissjoni tat-talbiet għal kjarifikazzjonijiet tal-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti hija 20 jum kalendarju mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

7. **Il-laqgħa tat-tim tal-evalwazzjoni tal-ftuħ tal-offerti għandha ssir** fi żmien tlett ijiem ta' xogħol mill-aħħar jum għas-sottomissjoni tal-offerti, kif speċifikat fit-taqsima 3 hawn fuq. Id-data u l-ħin tal-laqgħa tat-tim tal-evalwazzjoni biex jiftaħ l-offerti għandhom jiġu stipulati fiċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-offerent u ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-organizzatur tas-sejħiet għall-offerti.

8. **Informazzjoni Addizzjonali**

L-informazzjoni dwar l-istedina għal sejħa għall-offerti tista' tinkiseb minn:

L-Istħarriġ Ġeoloġiku Litwan tal-Ministeru għall-Ambjent
S. Konarskio g. 35
LT-03123 Vilnius
LIETUVA/LITHUANIA

Tel. +370 52332889
Posta elettronika: lgt@lgt.lt (ikkwota "Konkursas" (sejħa għall-offerti))

L-informazzjoni addizzjonali dwar l-istedina għal sejħa għall-offerti tista' tinkiseb ukoll billi ċċempel: +370 52334642 jew +370 52337715 (mistoqsijiet legali).